MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2008

Numru 41/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Simon Bonello
Anthony Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 355872(M) u 469679(M) rispettivament, akkuzati talli:

Lil Simon Bonello wahdu talli:

1. nhar il-1 ta' Jannar 2004 ghall-habta ta' 1:30a.m gewwa Triq Santu Wistin San Giljan minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ruben

Abdilla minn Hal Ghaxaq skond kif iccertifikat Dr. Martin B. Flores MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan ai terminu tal-Artikoli 214, 216 (1) (b), tal-Kap 9;

2. fl-istess data u cirkostanzi gewwa Ta' Giorni San Giljan hebb ghal Ruben Abdilla sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9;

3. fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Giljan volontarjament kiser il-bod ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9.

Lil Anthony Azzopardi wahdu talli:

1. irrenda ruhu komplici fid-delitt kontra Ruben Abdilla fejn sofra griehi ta' natura gravi billi b'xi mod xjentament assista lill-awtur u cioé lil Simon Bonello fl-atti tad-delitt li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat u dan ai terminu tal-Artikolu 42 (d) u 43 tal-Kap 9;
2. nhar il-1 ta' Jannar 2004 ghall-habta ta' 1:30a.m. gewwa Triq Santu Wistin San Giljan hebb ghal Ruben Abdilla sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9;
3. fl-istess data, lok, u cirkostanzi gewwa San Giljan volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ruben Abdilla billi torbot lill-imputati b'obbligazzjoni taht il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzat Simon Bonello huwa akkuzat bhala l-awtur u l-co-akkuzat Anthony Azzopardi bhala komplici fir-reat ta' feriti gravi sofferti mill-kwerelant Ruben Abdilla.

Fil-kors tal-proceduri rrizulta kemm li l-feriti huma ta' natura hafifa u kemm li Ruben Abdilla irrinunzja ghal kull haga li hija rinunzjabbli kontra l-imputati. Dan il-fatt tar-rinunzja jestingwi l-akkuzi kollha minbarra dik kontravenzjonali tal-ksur tal-paci pubblika. Dwar din ta' l-ahhar m'hemmx provi.

Ghalhekk, fil-waqt li tillibera mill-imputati minn dina l-ahhar akkuza tiddikjara procediment esawrit fuq il-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------